MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru 8888/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Stephen Caruana**

**Il-Qorti,**

Reghet rat ir-rikors tal-Avukat Generali maghmul skond l-Artikolu 575 (4A) tal-Kapitolu 9;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur Daniel Zammit;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

Li f'dan il-kaz din il-Qorti ma tara xejn fid-digriet tat-12 ta' Jannar, 2009 li din il-Qorti tista' tikkwalifika bhala li hu "manifestament zbaljat". Din il-Qorti, pero', tosserva li l-intimat bhalissa qed jirrisjedi ma' ohtu s-Siggiewi. Din il-Qorti hi tal-fehma li biex jigi assigurat ahjar li ma jkunx hemm perikolu ta' intralc mal-provi, ghandu jigi impost id-divjett fuq l-intimat li b'xi mod jidhol fil-konfini ta' Hal Qormi fejn ighixu l-familjari tal-vittma.

Ghall-mottivi premessi tipprovdi dwar ir-rikors tal-Avukat Generali billi tichdu in kwantu l-sitess Avukat Generali talab l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-intimat Stephen Caruana, izda tilqghu fis-sens biss li qed timponi s-segwenti kundizzjoni ulterjuri fuq l-intimat b'zieda mal-kundizzjonijiet indikati fid-digriet imsemmi tat-12 ta' Jannar, 2009:

"7A: li l-imsemmi Stephen Caruana ma ghandu f'ebda hin u taht ebda cirkostanza jkun fil-konfini ta' Hal Qormi, liema konfini ghandhom jitqiesu li huma dawk tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi."

L-intimat ghandu jiffirma ghal din il-kundizzjoni addizzjonali fejn jiddikjara kli hu lest li josservaha bhall-kundizzjonijiet kollha l-ohra tad-digriet tat-12 ta' Jannar, 2009. Id-depozitu u l-garanzija personali jintilfu wkoll jekk l-intimat jikser din il-kundizzjoni addizzjonali.

F'kaz li l-intimat Stephen Caruana ma jiffirmax kif hawn fuq spjegat huwa ghandu jinzamm arrestat daqs li kieku ma ffirmax l-obbligazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------